# PRIMARY SCHOOL ANNUAL EXAMINATIONS 2003

## Educational Assessment Unit - Education Division

**IS-SITT SENA** | **RELIĠJON** | **ĦIN: SIEGĦA**

## A) Agħmel salib ħdejn it-tweġiba t-tajba. (12-il marka)

**Eżempju:**

**Il-kelma Avvent tfisser**

| | | |
|---|---|---|
| a) | festa. | |
| b) | miġja. | X |
| ċ) | presepju. | |



**1. L-Avvent huwa ż-żmien ta' qabel**

| | | |
|---|---|---|
| a) | l-Għid. | |
| b) | il-Milied. | |
| ċ) | ir-Randan. | |

**2. Fi żmien l-Avvent niftakru**

| | | |
|---|---|---|
| a) | f'sitt miġjiet. | |
| b) | fi tliet miġjiet. | |
| ċ) | f'ħames miġjiet. | |



**3. Is-Sena Liturġika maqsuma**

| | | |
|---|---|---|
| a) | f'ħames taqsimiet. | |
| b) | f'sitt taqsimiet. | |
| ċ) | f'għaxar taqsimiet. | |

**4. Il-qassis jilbes kulur abjad**

| | | |
|---|---|---|
| a) | fi żmien matul is-sena. | |
| b) | fil-Milied u fl-Għid. | |
| ċ) | fir-Randan. | |



**5. Il-qassis jilbes kulur vjola**

| | | |
|---|---|---|
| a) | fil-Għid. | |
| b) | fil-Milied. | |
| ċ) | fl-Avvent u fir-Randan. | |

**6. Il-knisja ta' Kristu hija Kattolika għax**

| | | |
|---|---|---|
| a) | il-Papa huwa l-kap tagħha. | |
| b) | mibnija fuq l-appostli. | |
| ċ) | hija mxerrda mad-dinja kollha. | |

**B)** **Ħares lejn it-tabelli. F'kull tabella hemm kmandament miktub. Aqra sewwa s-sentenzi. Ikteb ħdejn kull sentenza l-kmandament li jaqbel magħha. (10 marki)**




**Eżempju:** **Anna tħobb issuq ir-rota. Hi ma ssuqx bl-addoċċ fit-triq u toqgħod attenta li ma tweġġax xi tfal żgħar jew xi anzjani.**

* **La toqtolx.**

1. Jonathan mar jixtri u wara li ħallas induna li tal-ħanut tah aktar bqija milli kellu jagħtih. Jonathan mar lura għand tal-ħanut u radd lura l-bqija żejda.

_______________________________________________

2. David sema' raġel jitkellem ħażin. Ma għamilx bħalu; anzi f'qalbu beda jfaħħar 'l Alla.

_______________________________________________

3. Għalkemm ħija raqad tard is-Sibt fil-għaxija, hu xorta qam f'ħin tajjeb biex jilħaq jisma' l-quddiesa tal-Ħadd.

_______________________________________________

4. Marija kienet mitlufa tilgħab logħba mal-ħbieb. Ommha xtaqitha tmur tixtri. Marija waqfet tilgħab u obdiet 'l ommha fil-pront.

_______________________________________________

5. Kissirt važun fid-dar. Malli ġiet ommi, flok ma waħħalt f'ħija għidtilha mal-ewwel li kont jien li kissirtu.

_______________________________________________

**Ċ) Madre Tereża kienet tgħix l-Indja. Kienet tgħin l-ifqar fost il-fqar għax kienet tħobb tagħmel affarijiet sbieħ għal Alla. Kif tista' tgħin inti lil min huwa fil-bżonn aktar minnek? Agħti żewġ eżempji. (6 marki)**



______________________________
______________________________
______________________________
______________________________
______________________________
______________________________

**D) Imla l-vojt bil-kliem miktuba taħt in-nagħaġ. (10 marki)**



| | | | |
|---|---|---|---|
| fostna | ragħaj | kulħadd | għaqda |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| lkoll | paċi | Alla | merħla | knisja | Familja |

Ir-Ragħaj it-Tajjeb

Ġesù huwa r-ragħaj it-Tajjeb. Hu ġie ____________ biex jerġa' jgħaqqadna m' ____________ , u jgħinna ngħixu fil- ____________ u fl- ______________ ta' bejnietna. Għalhekk hu waqqaf fostna l- __________________ tiegħu biex jiġborna ___________ fiha u jagħmilna l- _______________ t'Alla.

Biex inkunu lkoll __________________ waħda taħt _________________ wieħed irridu nirrispettaw lil ____________________.

**E) Fejn ikun hemm il-gwerer, il-kbar jiġġieldu, iżda l-aktar li jbatu t-tfal li huma bla ħtija. Ikteb talba qasira lil Ġesù għal dawn it-tfal li jsofru minħabba l-gwerer. (5 marki)**

______________________________
______________________________
______________________________
______________________________
______________________________



**F) F'kull sentenza hemm kelma <u>li ma taqbilx mal-kliem l-oħra</u>. Agħmel sing taħtha. (10 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| **Eżempju:**<br>**Magħmudija: ulied Alla, nsara, <u>skola</u>, dnub tan-nisel.** | | |
| | | |
| 1. | **Griżma ta' l-Isqof** | ritratt, qawwa, għerf, pietà. |
| 2. | **Griżma ta' l-Isqof** | parrina, doni, Isqof, dnubiet. |
| 3. | **Qrar** | dnub, banketta, indiema, maħfra. |
| 4. | **Qrar** | konfessur, penitenza, ilma, paċi m'Alla. |
| 5. | **Ewkaristija** | frott, ostja, ħobż u nbid, saċerdot. |
| 6. | **Ewkaristija** | ħobż u nbid, artal, quddiesa, flus. |
| 7. | **Sagrament tal-Morda** | talb, ġlekk, qrar, żejt imbierek. |
| 8. | **Sagrament tal-Morda** | qassis, marid, velu, dlik biż-żejt. |
| 9. | **Ordni Sagri** | tebut, kalċi, saċerdozju, dlik bil-balzmu. |
| 10. | **Żwieġ** | vistu, ċrieket, għarajjes, imħabba. |

**Ġ) Aqra dawn is-siltiet mill-Bibbja. Fisser fil-qosor il-kliem b'sing taħthom. (15-il marka)**

1. Waqt il-Magħmudija ta' Ġesù Alla l-Missier instama' jgħid:
"**<u>Dan hu Ibni l-għażiż; fih insib l-għaxqa tiegħi</u>.**"



______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

2. L-anġli kantaw fil-lejl tal-Milied:
"**<u>Glorja 'l Alla fl-għoli tas-smewwiet u paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba</u>.**"



______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

| | |
|---|---|
| 3. Marija qalet lil Eliżabetta: **"<u>Dak li jista' kollox għamel miegħi ħwejjeġ kbar</u>."** |  |

**G)** **Ikteb fi kliemek ħames sentenzi fuq il-ġrajja ta' l-Epifanija (il-festa tas-Slaten Maġi). (15-il marka)**



**1.**

**2.**

**3.**

**4.**

**5.**

## GĦ) Aqra din is-silta. (17-il marka)

David u Marija kienu żewġt aħwa tewmin bil-għaqal. Huma kienu fis-Sitt klassi ta' l-iskola. Kienu jħobbu lil xulxin u lil kulħadd. Kuljum tarahom ħerġin mill-quddiesa tas-sebgħa u jħaffu lejn l-iskola.

Qatt ma kellhom xi jgħidu ma' ħadd, iżda darba waħda tifla mill-klassi qalgħet qlajja' fuq ommhom. Marija saret taf b'dan u tgħidx kemm iddispjaċiha. Qalet lil David iżda ma qalu xejn quddiem ommhom biex ma jinkwetawhiex. Ommhom xorta ndunat li kien ġralhom xi ħaġa. Għalhekk kellmet lil uliedha bil-ħlewwa. It-tfal qasmu l-inkwiet tagħhom m'ommhom.

L-omm li kienet mara għaqlija qaltilhom, "Issa din il-problema nerfagħha jien, u ma nerfagħhiex waħdi, tafux? Issa niftaħ qalbi ma' Ġes□. Hu jagħtina l-għajnuna kollha li neħtieġu."

**Agħżel it-tweġiba t-tajba f'numri 1 sa 4 billi tagħmel salib fil-kaxxa t-tajba.**

**(4 marki)**

**1. David u Anna kienu żewġt itfal**

| | | |
|---|---|---|
| **a)** | **miġġildin.** | |
| **b)** | **bil-għaqal.** | |
| **ċ)** | **kattivi.** | |

**2. Qabel l-iskola kienu jħobbu**

| | | |
|---|---|---|
| **a)** | **jaraw it-T.V.** | |
| **b)** | **jixtru l-ħelu.** | |
| **ċ)** | **jisimgħu quddiesa.** | |

**3. It-tewmin kienu**

| | | |
|---|---|---|
| **a)** | **jħobbu lil kulħadd.** | |
| **b)** | **spiss ifallu l-quddiesa.** | |
| **ċ)** | **jiġġieldu ma' sħabhom.** | |

**4. It-tfal kienu jisimgħu quddiesa**

| | | |
|---|---|---|
| **a)** | **darba kull tant.** | |
| **b)** | **kuljum.** | |
| **ċ)** | **nhar ta' Ħadd biss.** | |

**Wieġeb**

**5. Għaliex Marija ħassitha ddispjaċuta?**

**(3 marki)**

**6. Ma' min fetħet qalbha Marija?**

**(2 marki)**

**7. Għaliex it-tfal ma qalux b'kollox lil ommhom?**

**(2 marki)**

**8. Ma' min qalet li kienet sejra taqsam il-problema l-omm?**

**(2 marki)**

**9. L-omm kienet għaqlija. Agħti żewġ eżempji kif int ukoll tista' tkun għaqli jew għaqlija.**

**(4 marki)**